



# L-Għaqda Mużikali Imperial tkompli tgħolli isem il-Mellieħa ’l fuq

Onor. Clayton Bartolo
*Membru Parlamentari – Tnax-il Distrett*

L-Għaqda Mużikali Imperial wieħed jista’ jqisha bħala pilastru tas-soċjetà Melleħija. Wieħed mill-postijiet, flimkien mal-għaqdiet mużikali l-oħra Melleħin, fejn il-komunità Melleħija matul is-snin għarfet tifforma l-karattru u l-fibra soċjali tagħha.

Il-każini tal-baned minn dejjem kienu bejta ħajja ta’ attività, u mhux b’inqas illum il-ġurnata. Attività li tiġbed lejha nukleu ta’ persuni li għandhom għal qalbhom il-kultura u fuq kollox il-Mellieħa, għaliex kull meta xi għaqda mużikali Melleħija tagħmel ħoss tkun qegħda dejjem iżjed tgħolli ’l fuq isem il-Mellieħa. Minn dan kollu l-Għaqda Mużikali Imperial qatt ma naqset, anzi, dejjem rat kif għamlet u b’sehemha f’diversi attivitajiet, saħansitra fuq skala nazzjonali, uriet il-livell kulturali u mużikali għoli li tħaddan fi ħdanha.

U huwa propju għalhekk li l-għaqdiet mużikali Melleħin jixraqilhom kull forma ta’ appoġġ. Appoġġ li jgħinhom ikomplu għaddejjin b’ħidmiethom sabiex jgħallmu l-mużika lill-allievi u fl-istess ħin ikomplu għaddejjin bid-diversi servizzi tagħhom ta’ matul is-sena.

Filwaqt li nirringrazzja lill-President u l-Kumitat, is-surmast u l-bandisti u l-membri tal-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial għax-xogħol u l-appoġġ tagħhom b’risq il-Mellieħa matul is-snin li għaddew, nawgura li dawn kollha jkomplu għaddejjin bix-xogħol ħabrieki tagħhom. Tajjeb hawnhekk nirringrazzja wkoll lill-familjari ta’ dawn kollha għall-paċenzja tagħhom, ħafna drabi fis-skiet ta’ djarhom, waqt li dawn in-nies ikunu qegħdin iwettqu ħidma imprezzabbli b’risq l-għaqda li tant iħobbu. Huwa grazzi għal dawn in-nies li l-għaqda kapaċi tkompli tavvanza ’l quddiem u tkompli tistabilixxi ruħha bħala forza fil-qasam kulturali.

Nieħu din l-okkażjoni wkoll sabiex nawgura l-Festa t-Tajba lill-Melleħin kollha!

Viva Maria Bambina!

**C. Vella & Sons Ltd.**

your one stop shop for cigarettes, cigars, tobacco, confectionery, wines and spirits in the heart of Mellieha

George Borg Olivier Street Mellieha • Tel: 21520883 • Mob: 99498855 • cvellasons@gmail.com